# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10

24 ta' Marzu, 2025

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-2.12pm

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Frances Galea – Kunsilliera
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Agent Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 10

10.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji
10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti Nru. 09
10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku
10.4 Attivitajiet
10.5 Mistoqsijiet mil-kunsillieri
10.6 Komunikazzjoni mis-Segretarja Eżekuttiva
10.7 Ilmenti u suġġerimenti
10.8 Skeda tal-pagamenti
10.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

10.1.1 Is-sindku qal li l-kunsilliera Cassar Sultana ġejja ftit tard.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 10

10.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.09 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarja Eżekuttiva.

10.2.2 2.13pm Il-kunsilliera Cassar Sultana tidħol għal-laqgħa.

10.2.3 Is-sindku staqsa lill-kunsilliera Cassar Sultana rigward il-minuti tal-laqgħa preċedenti. Il-kunsilliera Cassar Sultana qalet li l-minuti huma approvati minn naħa tagħha.

## 10.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

10.3.1 Rigward Triq Xamgħan, is-sindku qiegħed f'kuntatt mal-kuntrattur biex kemm jista' jkun jibda x-xogħlijiet minn naħa tiegħu, anki għall-fatt li l-kuntrattur kien wiegħed li ħa jibda x-xogħlijiet f'Marzu. Il-kunsill qed jirċievi numru ta' ilmenti fuq din it-triq, marbuta ma' għadajjar, trab u kull tip ta' inkonvenjent li jista' jinħoloq. Is-sindku ħeġġeġ lill-kunsilliera li jekk jirċievu xi ilment fuq din it-triq, jirrispondu billi jgħidu li l-kunsill qed jiġri wara l-kuntrattur biex ikun jista' jibda x-xogħlijiet, però ma jistax jagħtu dati. Jekk jiġi l-kuntrattur, ix-xogħol li hemm mhux se jieħu ħafna ħin, għaliex l-ikbar parti tax-xogħol kienu s-servizzi. Is-sindku qed jagħmel pressjoni mal-kuntrattur, li minn naħa tiegħu wiegħed li se jiġi jqaxxar it-triq, isir il-*concrete gutter* u tingħata l-ewwel kisja.

10.3.2 Is-segretarja eżekuttiva qalet li qed jidħlu ħafna lmenti minn persuni li joqogħdu n-naħa ta' wara ta' Triq Xamgħan. Dawn ilmenti huma marbuta ma' żibel, nuqqas ta' dawl u *parking* bl-addoċċ. Is-sindku qal li għalissa din in-naħa tat-triq għadha privata sakemm isir l-espropjazzjoni minn naħa tal-gvern. Għalhekk il-kunsill ma jista' jagħmel xejn fuq dawn ilmenti, fil-fatt anki talbuh li jsir it-tarmac, però kif semma din għadha art tal-privat u mhix

pubblika. Talbu wkoll biex isir bozza, però s-sindku qalilhom li lanqas hemm arbli tad-dawl u li s-servizzi tad-dranaġġ għaddiehom lill-kuntrattur. Li qed jiġri wkoll hu li hemm residenti li krew l-appartamenti hemmhekk u billi mhumiex is-sidien ta' l-appartamenti ma jafux b'dawn il-kundizzjonijiet. Is-sindku semma wkoll li l-gimgħa l-oħra kellu jitla l-qorti bħal xhud fuq triq jekk hiex privata jew pubblika. F'din it-triq partikulari il-gvern ċentrali kien għamel it-*tarmac*, is-servizzi ddaħħlu mil-korporazzjoni Enemalta u l-korporazzjoni ta' l-ilma. Il-kunsill jagħmel is-servizz ta' patching, sinjali tat-traffiku, manutenzjoni tal-bozoz, kif ukoll ġbir ta' skart. Is-sindku xehed li bħala kunsill m'għandhom l-ebda *file* jew rekord fuq din it-triq partikulari. Xħin l-avukat saqsieħ jekk bħala kunsill jagħmlux xi tip ta' servizz f'din it-triq, is-sindku kkonferma fil-pożittiv. Id-differenza bażikament hemm ħafna fatturi li bħala servizzi, asfaltar tat-triq, bozoz, isem tat-triq għad mhemmx fuq in-naħa ta' wara ta' triq Xamgħan. Il-kunsilliera Cassar Sultana qalet li kien hemm persuna partikulari li qaltilha li jekk se jiġri xi ħsara fil-vettura tagħha se tiġi l-kunsill, bis-sindku jirrimarka li l-kuntrattur jista' jagħmel *no access* billi għaddejjin ix-xogħlijiet u hekk tinħoloq problema kbira f'dan il-każ.

10.3.3 Il-proġett tal-*playing field* ta' Triq Marziena, il-kuntrattur li rebaħ it-*tender*, finalment beda ix-xogħlijiet, wara qabel li jrid jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa taħt l-apparat kif hemm stipulat fil-kuntratt. Ix-xogħlijiet bdew, twaħħal l-*playing equipment* u bħalissa qed jagħmel is-*safety mat*. Il-perit iċċekkja wkoll taħt il-*playing equiment*, fejn ikkonferma li qiegħed sewwa. Is-segretarja eżekuttiva ssuġġeriet li jsir *gate* fid-daħla tal-*playing field* li tingħalaq f'ċertu ħinijiet biex jinqata' xi abbuż li jista' jsir f'ħinijiet ta' bil-lejl.

10.3.4 Rigward il-kameras tas-sigurtà, is-sindku kkonferma li ċemplulu fis-sigħat bikrin ta' filgħodu fejn ġie rrapurtat li qed isiru *doughnuts* mar-*roundoabout*. Ngħalqet it-triq taċ-ċimiterju, it-triq tal-qasam, it-triq ta' Marziena u triq l-isfel mill-knisja. Jagħmlu l-*hazard lights* u dak li jkun jieqaf u jerġa jdur lura. Is-segretarja eżekuttiva qalet li mportanti li jekk jisimgħu xi ħaġa jċemplu l-għassa r-Rabat, fejn semmiet ukoll li s-servizz tal-*community policeman* ġie għan-nofs ta' nhar darba iva u oħra le. Is-sindku qal li dan is-servizz se jkun estiż għax issa hawn xi pulizija li applikaw biex jaħdmu f'dan is-servizz. Il-kunsilliera Cassar Sultana qalet li f'dawn il-każijiet minn se jirraporta għandu jċempel lill-pulizija dirett u mhux lill-kunsill jew lis-sindku. Is-segretarja eżekuttiva qalet li ġieli ġara hu li jekk iċemplu lill-pulizija, x'aktarx se jintalbu biex jittellgħu xhieda u għalhekk iħossuhom eħfef iċemplu xi kunsillier jew lis-sindku. Il-pulizija ikunu qed jagħmlu *patrols*, però dawn iridu jinzertawhom. Is-segretarja eżekuttiva kompliet billi qalet li fuq il-flus tal-kameras tas-sigurtà, ma kienx hemm fondi biżżejjed biex jinxtraw il-kameras kollha, peress li fil-laqgħat preċedenti kien issuġġeriet li jitwaħħlu iktar speċjalment fejn qed isiru xi tip ta' abbuż. Il-kunsill qed jaħdem fuq fondi oħrajn mid-DPF biex ikunu jistgħu jinxtraw aktar kameras tas-sigurtà u bħalissa għaddejjin diskussjonijiet biex jaraw kemm se jingħataw fondi. Is-sindku kompla billi ssuġerixxa li dawk it-tmien t'elef (€8,000) li kienu ġabu bħala fondi fl-ewwel talba jintefqu biex isiru kameras tas-sigurtà fid-daħla tar-raħal, biex imbagħad ikunu jistgħu jiddiskutu fuq fondi ġodda biex isiru aktar kameras tas-sigurtà.

10.3.5 Il-kunsillier Bajada issuġerixxa li tiżdied ħamrija fejn hemm is-siġar tal-palm fil-*playing field*, għax hemm ħafna ġebel u hekk ikun aktar preżentabbli. Is-sindku qal li hemm l agreement mal Tal Armat ta' Sannat li jiehdu hsieb il playing field u li jiehdu hsieb huma ta' dan that dan l agreement. Is-segretarja eżekuttiva qalet li se tikteb lill-perit tal-kunsill jekk hemmx bżonn xi permessi biex tintefa' ħamrija addizzjonali. Talbet ukoll lill-kunsillier Bajada biex

jieħu ftit ritratti u jibgħathomlha ħalli tkun tista' tagħmel referenza għalihom fil-komunikazzjoni li se tagħmel mal-perit. Il-viċi sindku semma ukoll l-possibiltà li jitħawwlu xi pjanti bil-fjuri, bis-segretarja eżekuttiva tgħid li dan ix-xogħol tista' jagħmlu dik il-persuna li l-kunsill qabbad biex jieħu ħsieb il-pjanti u s-siġar fil-pjazza Santa Margerita.

## 10.4 Attivitajiet

10.4.1

6 ta' April ser jittela d-dramm 'Ġuda l-iskarjota' fl-4.15pm u bħalissa qed isiru l-preparamenti meħtieġa. Id-dramm li huwa twil siegħa u nofs, ġie rrikordjat kollu flimkien mal-mużika. Se jsir dan il-ħin għax is-siegħa ta' l-arloġġ tkun inqalbet u anki l-quddiesa tibda tkun fis-7pm.

10.4.2

Jum il-lokalità tar-raħal se jiġi kkomemorat fis-26 t'April. Fil-jiem li għaddew infetħu n-nomini taż-żgħażugħ/a u l-premju Ġieħ Sannat fejn tqassmu l-formuli mar-residenti Sannattin. Is-segretarja eżekuttiva kkonfermat li s'issa għadu ma daħlitx l-ebda nomina u hemm ċans sa nofs April. Is-sindku fakkar li l-bord ta' l-għażla jkun magħmul mill-kunsilliera nnifishom, u għalhekk kemm jista' jkun ma jagħtux pariri jew suġġerimenti jekk ikunu mitluba. Jekk ma jkunx hemm l-ebda nomina għal wieħed minn dawn il-premijiet, il-kunsilliera jiddeċiedu huma stess billi jinnominaw persuna jew NGO għal dawn l-unuri. Jekk ma jidħlux nomini, l-kunsilliera jissuġerixxu nomini u tittieħed votazzjoni jekk hemm bżonn, bil-vot sigriet.

10.4.3

Fit-tlieta (3) ta' Mejju ser isir il-*wine festival* u l-preparamenti għaddejjin. Bħal kull sena, l-kunsill se jagħti għotja ta' ħames mitt ewro (€500) li kull għaqda li tipparteċipa f'din l-attività. Is-segretarja eżekuttiva talbet biex ikollha l-istimi ta' l-ispejjeż relatati biex tittella din l-attività. Is-sindku qal li se jagħmlu *excel sheet* fuq l-ispejjeż marbuta ma din l-attività.

## 10.5 Mistoqsijiet mill-kunsillieri

10.5.1

Mistoqsijiet mill-kunsillieri

10.5.2

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 10.6 Komunikazzjoni mis-segretarja eżekuttiva

10.6.1 Nhar Sibt il-Ġħid, bħal ma jsir kull sena, l-uffiċċju tal-kunsill ikun magħluq u l-kunsilliera approvaw li hekk għandu jiġru wkoll din is-sena.

10.6.2 Fuq it-*traffic management plan* ta' Triq il-Kbira, is-segretarja eżekuttiva flimkien mas-sindku kellhom diversi laqgħat mat-*Transport Malta*. Bħal ma kien hemm qbil fl-aħħar laqgħa, il-kunsill se jagħmel *traffic management* plan għal Triq Il-Kbira kollha fejn ġie nfurmat il-perit tal-kunsill b'din id-deċiżjoni. Il-perit qal li għandu bżonn isir *survey* li jiswa' madwar elfejn ewro, bil-kunsill jagħti l-approvazzjoni biex dan is-*survey* isir. Il-kunsill qed jistenna din id-dokumentazzjoni biex imbagħad ikunu jistgħu jgħadduh lit-*Transport Malta*. Il-kunsill rċieva numru ta' lmenti rigward il-parti t'isfel ta' Triq Il-Kbira minħabba n-numru ta' *double yellow lines* u anki xi persuni kellmu lil *Transport Malta* dirett. Is-segretarja eżekuttiva qalet li bħala kunsill ġie kkonfermat li kien hemm *double yellow lines* in-naħiet tat-tnejn, imma xi ħadd kien żebaħ id-*double yellow line* bl-iswed quddiem residenza partikulari. Il-kunsill kien talab lill-ħaddiem biex jerġa jiżbogħ il-linji, iżda fejn kienu bl-iswed ma reġgħux inżebħu. Individwi partikulari kellem lit-*Transport Malta*, fejn minn naħa tagħhom qalulu biex ikellem lill-kunsill. Is-segretarja eżekuttiva iċċekjat il-komunikazzjoni fuq *double yellow lines* fil-parti t'isfel ta' Triq il-Kbira u u marret lura saħansitra lura sa' l-2020. Irriżulta li ma kien hemm l-ebda eskluzzjoni ta' xi dar partikulari. Għalhekk, il-kunsilliera qablu li s-segretarja eżkuttiva terġa titlob lil dawn il-ħaddiema biex jiżbogħ dawn il-*yellow lines* li ġew miżbuħa bl-iswed. Is-sindku qal li se jkun hemm ħafna lmenti minħabba nuqqas ta' *parking*, però la ġew approvati iridu jinżabħu. Is-segretarja eżekuttiva qalet li f'xi snin riċenti, *Transport Malta* stess talbu li jsiru *double yellow line*, għax kien hemm problema biex jgħaddi t-traffiku. Il-kunsillier Bajada semma li persuna partikulari kellmu fuq xi tabella ta' *reserved parking* li qiegħda hemm għalxejn. Is-segretarja eżekuttiva qalet li kellmu lit-*Transport Malta* biex possibilment jagħmlu *community badge* jew titneħħa għal kollox. Però, s'issa l-kunsill għadu ma rċeviex risposta finali minn naħa ta' *Transport Malta*, għax staqsew ukoll jekk hemmx *blue badge* fil-viċinanzi. Is-segretarja eżekuttiva qalet li fil-madwar ma hemmx, u għalhemm tagħmel sens li jkun hemm waħda. Minn naħa ta' *Transport Malta*, fuq it-*traffic management* plan ta' Triq il-Kbira, wieħed irid jieħu inkonsiderazzjoni l-permessi li hemm maħruġa f'din it-triq, li jidher li hemm ħafna.

10.6.3 Fuq it-toroq, is-segretarja eżekuttiva semmiet li mhux sewwa l-istess toroq jingħalqu minħabba xi permessi mitluba. Il-kunsill mgħandux istruzzjonijiet li ma joħorġux permessi, imma għandha tittieħed deċizjoni li toroq partikulari ma jingħalqux iktar minn tliet darbiet f'ġimgħa għax qed jinħoloq ħafna inkonvenjent. Is-segretarja eżekuttiva qalet li illum stess ġie xi ħadd biex jitlob permess biex jarma 'tower-crane' fit-Triq il-Kbira. Is-segretarja eżekuttiva talbitu iktar informazzjoni, però l-kunsilliera qablu li dan il-permess ma joħroġx. Is-sindku issuġerixxa li kemm jista' jkun ma jfixklux permessi, però fl-istess ħin ikun hemm l-inqas inkonvenjent possibli, speċjalment biex tgħaddi transport pubbliku. Is-segretarja eżekuttiva qalet li trid tittieħed deċiżjoni rigward in-numru ta' drabi meta tingħalaq it-triq. Il-sindku semma wkoll li ġieli jkun hemm permessi mitluba li jindikaw li t-triq mhux se tingħalaq, però fil-fatt tiġi magħluqa. Importanti li meta jkun hemm it-triq magħluqa jkun hemm uffiċjal. Is-segretarja eżekuttiva semmiet ukoll li permess partikulari li ngħata fi Triq Tempju ta' L-imramma, ħalla mandra sħiħa, fejn il-kunsill ċempel lill-*administrator* tal-

blokka, li kumbinazzjoni kien imsiefer. Is-sindku qal li dik it-triq għadha mhiex pubblika, għalhekk huma jridu jnaddfu dan l-inkonvenjent.

10.6.4 Ser isiru xogħlijiet li jsiru ta' kull sena marbuta mal-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Il-kunsill rċieva stima ta' €397.77 marbuta maż-żebgħa, liema stima ġiet approvata mill-kunsillieri.

10.6.5 Il-kunsill rċieva l-approvazzjoni tad-direttur ġenerali biex jitħallsu t-tliet kontijiet pendenti marbuta mal-proġett tas-sala tal-każin. Il-ħlasijiet se jsiru permezz tal-bank ċentrali. Illum il-kunsill kellem lill- GAGF jekk hemmx estensjoni jew le fuq dan il-proġett, u qed jistennew risposta. Issa l-kunsill qasal fil-fażi li jibda jirċievi *refund* tal-flus li jkun ħarġu mingħand l-ARPA. Is-segretarja eżekuttiva se taġġorna lill-kunsillieri fil-laqgħa li jmiss.

10.6.6 Rigward l-*animal steward* se jkollu l-kuntratt estiż f'Lulju 2025. Is-segretarja eżekuttiva qalet li persuna li tkun fuq bażi *part-time* u jiġġeddilha l-kuntratt għall-erbgħa snin konsekuttivi, din jiġi b'mod permanenti il-kunsilliera qablu li jiġġedded il-kuntratt bl-istess kundizzjonijiet.

10.6.7 Is-sindku semma li kellu laqgħa mal-perit minn naħa ta' L-ERA, fejn saret spezzjoni fejn se jitwaħħlu dawn il-ħames *charging pillars*. Dawn se jitwaħħlu waħda Sannat Road, fin-nofs tat-triq 28 t'April, waħda fejn Palozzo Palina, Triq Bebunaq fejn il-*bring in sites* u l-oħra fi Triq il-Kbira, eżattament fejn il-ġibjun u l-*bus stop* l-antika. Qabel kienet se tkun fi Triq Skerla, imma is-sindku nfurmat li se jsiru xi kostruzzjoni f'din it-triq. It-*tender* ħareġ u sas-sajf jibdew jitwaħħlu għax iridu jaraw l-infrastruttura tippermettiex biex fil-każ isiru x-xogħlijiet neċessarji. Speċjalment ta' fejn Palozzo Palina, qabel ma jsir it-*tarmac*, is-sindku ħeġġeġ lil ta' l-ERA biex ikellmu lill-korporazzjoni ta' l-ilma biex tkun tista tgħaddi l-infrastruttura.

10.6.8 Is-segretarja eżekuttiva rċeviet korrispondenza biex il-kunsill jidħol għall-kompetizzjoni SMART tourism marbuta mal-*European Capital of Smart tourism*. Il-kunsilliera qablu li fir-raħal bħala SMART ma jikkwalifikawx.

10.6.9 Is-segretarja eżekuttiva tat aġġornament fuq ilment partikulari minn persuna li toqgħod fi Triq il-Kbira, liema lment saħansitra wasal għand id-direttur ġenerali tal-kunsilli lokali. Is-segretarja eżekuttiva irrospondiet li bħala kunsill imxew mal-linji gwida, imma billi ma kienx hemm risposta mingħand id-direttur ġenerali, din il-persuna reġa' lmenta. Id-direttur ġenerali kellem lis-segretarja eżekuttiva l-ġimgħa l-oħra, fejn qal li sar l-investigazzjonijiet neċessarji ma kienx hemm irregolaritajiet u se jikteb kemm lill-kunsill kif ukoll lil dan l-individwu. Il-kunsill mexa mal-linji gwida u fejn kien hemm xi ħaġa li ma kinitx konformi mal-liġi, l-kunsill minnufih ħa azzjoni biex ikkoreġġa dan l-iżball.

10.6.10 Is-segretarja eżekuttiva qalet li bħalissa hemm numru ta' imejl fuq l-indirizz sannat.lc@gov.mt. Is-sindku flimkien mas-segretarja eżekuttiva qalu li qed jinġemgħu ħafna imejls, peress li mhux qed tkun l-uffiċċju l-ħin kollu u għalhekk qed jintbagħtu lis-sindku tard filgħaxija u anki l-Ħdud. Waħda mill-imejl tikkonsisti fejn il-kunsill ġie mitlub biex jagħti l-opinjoni tiegħi rigward il-possibiltà li jsiru ħlasijiet ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma mill-kunsill lokali. Il-kunsilliera qablu li jista jingħata dan is-servizz speċjalment għall-anzjani, però l-

kunsill irid ikollu għajnuna addizzjonali bħala ħaddiema biex ikunu jistgħu joffru dan is-servizz.

10.6.11 Kien hemm *Cat house* fi sqaq fi triq Skerla, fejn persuna ilmenta fuq din il-*cat house* u għalhekk inqabżet iċ-ċint u tpoġġiet in-naħa l-oħra. Ma kienx hemm iktar ilmenti, però s-sindku għarraf li fejn qiegħda bħalissa kellha tiċċaqlaq għax se jkun hemm xogħlijiet ta' kostruzzjoni għaddejjin u ġie deċiż li titpoġġa fid-daħla taċ-Ċnus. Viċi sindku qal li kien miexi minn hemmhekk u saħaq li din ic-*cat house* mhiex magħmula minn materjal tajjeb. Is-segretarja eżekuttiva kkonfermat li din saret minn xi ħadd privat. Issa apparentement minn imejl li rċieva l-kunsill dehret *cat house* oħra fi Triq skerla u n-nies ta' faċċata tat-triq qed jilmentaw li jridu jneħħuha. Il-kunsill qed jistenna waħda ġdida maħduma mill-ħaddiema mill-Ministeru għal Għawdex. Il-kunsill se jara minn għamilha l-*Cat house* fi Triq Skerla u jimxi minn hemm. Is-sindku qal li jekk hi magħmula minn materjal tal-plastic ma tistax tibqa hemm zgur.

10.6.12 Daħlet imejl fl-aħħar ta' Frar minn naħa tad-djoċesi rigward ix-xogħlijiet pendenti fuq iz-zuntier, li kienu nkitbu fuq skrittura privata. Il-kunsill xeba jiġri wara l-kuntrattur, li minn naħa tiegħu jekk il-varjazzjoni mhumiex se jiġu approvati, mhux se jkompli. Il-varjazzjoni ġew approvati però xorta ma ġiex. Il-kuntrattur baqgħalu kontijiet pendenti x'jiġbor , però mhuwiex qed jirrispondi telefonati, il-kunsill se jibgħat imelj il-kuntrattur, imbagħad jimxu minn hemm.

10.6.13 Is-salib tal-pjazza li kien approvat il-kwotazzjoni biex tiġi restawrata l-parti t'isfel li ntlaqtet meta xi ħadd kien irriversja fuqu permezz tal-vettura tiegħu, kellhom jiftehmnu meta se jsir dan ix-xogħol approvat. Is-sindku se jcempel lil din il-kumpanija biex jiftehmu fuq data u ħin. Rigward il-permessi li hemm applikati fil-pjazza, is-sindku qal li jrid jinqala wieħed mil-*benches semi-circle* u *bollard* tad-dawl kif kien miftiehem fil-laqgħa preċedenti. Is-segretarja eżekuttiva fakkret lis-sindku biex il-permess l-ieħor biex is-sid iħallas il-*public liability*. Il-kunsilliera Galea staqsiet fuq is-siġra tal-pjazza. Din qed tingħata mediċina kif issuġerixxa l-botanista. Is-segretarja eżekuttiva qalet li hemm xi zokk minnhom li għadu aħdar, però iridu jistennew ftit ieħor biex jaraw x'se jirriżulta.

10.6.14 Fi ġnien il-bidwi hemm *bollard* tad-dawl ukoll mhux jaħdem. Il-kunsilliera Cassar Sultana qalet li hemm bżonn dawra tal-*gazebo*, fl-istess ġnien. Is-sindku qal li bħalissa għaddejjin xogħlijiet marbutin bibien, qtugħ ta' ħaxix, xi bankijiet huma lesti, issa se jaqbdu wkoll fil-*gazebo*.

10.6.15 Is-sindku qal li waqt li kien għaddej xi xogħlijiet fi Triq l- 10 t'Ottubru, u nkisret il-mera ta' faċċata ta' triq Gerxija. Is-sindku ordna lis-segretarja eżekuttiva tara min kien qed jaħdem biex dan iħallas l-ispejjeż biex isir il-mera. Is-segretarja eżekuttiva qalet ukoll li l-plakka tal-*black spot* li hemm fi Triq il-Gruwa, tinsab terġa mingħajr mera.

10.6.16 Is-segretarja eżekuttiva staqsiet lis-sindku jekk l-avukat weġibx lil dawk ir-residenti ta' Palozzo Palina li bagħtu ittra bl-avukat. Is-sindku stqar li ma jafx jekk bagħtilhomx it-tweġiba, u allura se jikkomunika ma' l-avukat tal-kunsill. Il-kunsill għandu bżonn kopja tar-risposta li bagħat.

10.6.17 Is-segretarja eżekuttiva fakkret lill-kunsilliera li qed tibagħtilhom il-permessi mitluba lill-awtorità ta' l-ippjanar, marbutin mar-raħal ta' Sannat. Jekk xi kunsillier irid iktar informazzjoni jew bħala kunsill jaħsbu li għandha ssir oġġezzjoni fuq xi permess mitlub, jew approvat iridu jkellmuha mill-ewwel.

10.6.18 Fuq iz-*zebra crossing*, is-segretarja eżekuttiva kitbet lid-direttur jekk iż-żebgħa ma tiġix tiżloq, fejn dan ta' l-aħħar għaddieha lid-direttur ġenerali, li s'issa ma kienx hemm risposta lura. Il-kunsillier Bajada fakkar li fil-laqgħa preċedenti kien maqbul li jsir iz-*zebra crossing* fejn il-kappella bħala prova. Il-kunsillieri qablu li għandhom jippruvawha kif kien maqbul fil-laqgħa preċedenti.

10.6.19 Il-viċi sindku staqsa fuq id-*double line* mitlub fi Triq Seguna, u anki kkonferma mas-segretarja eżekuttiva li bagħtilha r-ritratti mitluba. Is-segretarja eżekuttiva qalet li minn naħa ta' l-uffiċċju tal-kunsill qed jistennew xi ħaġa mingħand il-viċi sindku. Is-sindku kkonferma li dawn il-linji għadhom ma sarux.

10.6.20 Marbut mal-film, is-sindku kellu laqgħa ma' l-kumpanija tal-*films* li qed taħdem film fi Mġarr ix-Xini, fejn talbu jekk hux possibli li jsir xi filming g'Mejju. Is-sindku spjega li waqgħet parti mir-rampa, u ma jistax iħallu periklu għan-nies u iridu wkoll jitwaħħlu s-slielem għal-aċċess għal-baħar. Is-sindku qed jistenna update mingħand din il-kumpanijia Il-viċi sindku staqsa jekk ingħatatx donazzjoni minn naħa tal-kumpanija, bit-tweġiba tkun li taw donazzjoni ta' tliet elef ewro. Il-kunsillier Bajada rċieva ilment mingħand persuna li ma kienx jaf li l-parti t'isfel ta' Mġarr ix-Xini kienet tinsab magħluqa, għax ma kienx hemm karti li kienet se tkun magħluqa. Is-sindku qal li suppost kien hemm uffiċjal ta' *Transport Malta*, u qabel mal-kunsillier Bajada li l-kunsill messu għamel avviż fuq il-paġna socjali tiegħu. Il-kunsilliera qablu li jekk se jerġa jingħalaq, għandu jsir avviż lill-pubbliku minn xi jiem qabel, ħalli jkunu nfurmati. Is-sindku qal li għadhom qed jiddiskuti mal-kumpanija tal-films, bil-possibiltà li jsir xi *filming* extra għal Mejju.

## 10.7 Lmenti u suġġerimenti

10.7.1 Is-segretarja eżekuttiva qalet li qed jidħlu lmenti minn madwar it-toroq kollha rigward il-ġbir ta' skart. Hemm ċertu regolamenti per eżempju jekk il-ħġieġ ikun maħmug ma jinġabarx. Is-sindku qal li bħala kunsill għandha tittella post fuq il-paġna soċjali b'din l-informazzjoni. Is-segretarja eżekuttiva saħqet li meta xi individwu jkellem lis-sindku jew lil xi kunsillier fuq xi lment, ma jfissirx li bħala ufficcju tal-kunsill ma jsir xejn, kif allega persuna partikulari.

10.7.2 Il-kunsillier Bajada qal li qed jirċievi xi lmenti rigward nuqqas ta' tindif marbut ma' knis, f'ċertu toroq partikulari bħal Triq Pisoniano, triq l-10 t' Ottubru,Triq Qortina, Triq Gerxija, Triq l-20 ta' Lulju u parti minn Triq il-Kbira. Is-sindku flimkien mas-segretarja eżekuttiva qalu li xebgħu jiġbdu l-attenzjoni ta' dan il-ħaddiem partikulari li jiknes dawn it-toroq, u anki ġieli s-sindku mar miegħu fuq il-lant tax-xogħol. Dan il-ħaddiem għandu ġimgħa xogħol li jikkonsisti biss li jiknes biss it-toroq assenjati lilu, għax il-ħaddiema l-oħra għandhom xi ġranet jaqtgħu il-ħaxix.

10.7.3 Is-segretarja eżekuttiva qalet li kien hemm ilment minn persuni biex isir xi patching fl-inħawi ta' Palozzo Palina. Is-sindku qal li huwa nfurmat mill-korporazzjoni ta' l-ilma, li fil-ġimgħat li gejjin se jingħata t-*tarmac* bħala parti mill-proġett.

10.7.4 Resident ilmenta fuq xi storbju li għaddej marbuta max-xogħlijiet fi Triq Skerla. Is-sindku qal li dawn huma marbuta max-xogħlijiet tat-triq. Is-segretarja eżekuttiva qalet li kull ma jista jsir hu li l-kuntrattur filgħaxija inaddaf kemm jista' jkun l-inkonvenjent li jista jkun hemm.

10.7.5 Persuna talab li jsir tabella fil-parti ta' wara ta' Triq Xamgħan, peress li qed ikun hemm ipparkjar ta' karozzi li qed joħloq inkonvenjent biex ikun jistgħu joħorġu l-karozzi privati mill-garaxxijiet. Is-segretarja eżekuttiva qalet li bħala kunsill u anki Transport Malta ftit jistgħu jagħmlu, għax din il-parti hija privata.

10.7.6 Resident fi Triq il-Kbira qed tilmenta fuq il-ħamiem. Is-sindku kellem lil din il-persuna personalment għax tas-sanità qalulha biex tkellem lill-kunsill. Is-sindku qal li f'din iż-żona hemm xi żewġ postijiet qodma li qed ipoġġi l-ħamiem selvaġġ. Sid partikulari kellu komunikazzjoni mas-sindku u se jaraw kif jistew jinagħlqu t-twieqi. Il-kunsillier Bajada qal li fil-viċinanzi hemm rziezet tal-baqar, u għalhekk dawn il-ħamiem imorru għal għalf. Il-kunsilliera qablu li ftit jistew jagħmlu bħala kunsill.

10.7.7 Il-kunsill qed ikompli jirċievi numru ta' lmenti rigward skart goff li qed jintrema fi Triq Xamgħan. Is-sindku qal li bħala kunsill naddfu kemm il-darba u neħħew skart goff. Persuni talbu li jsiru xi bozoz, pero' kif spjegat qabel it-triq ta' wara għadha private.

10.7.8 Persuna partikulari reġa' bagħat imejl lill-kunsill rigward inbiħ ta' kelb fis-sigħat ta' bil-lejl. Is-sindku qal li din il-persuna irid jagħti iktar informazzjoni biex tkun tista' tingħata lill-pulizija. Din il-persuna allegat li l-kunsill m'għamel xejn fuq dan l-ilment.

10.7.9 Il-kunsilliera Cassar Sultana resqet ilment ta' persuna fuq bozza li kien hemm imwaħħla mar-residenza tagħha fit-triq 20 ta' Lulju, fejn hemm xi ġebel mifqugh fejn kienet imwaħħla l-bozza għax issaddu l-robolts. L-inġinier u l-*foreman* ta' l-Enemalta marru fuq il-post flimkien mas-sindku u qablu li jirranġaw dawn il-ħsarat.

10.7.10 Persuna oħra għamlet ilment mal-kunsilliera Cassar Sultana, biex tinbidel kanna ta' tabella fil-pjazzetta tax-Xelina għax mhiex dritta. Is-sindku ser imur jara fuq il-post.

10.7.11 Il-kunsillier Bajada ressaq ilment ta’ persuna fuq siġra li hemm fi Triq il-Kbira li qed tkun ta’ periklu għax ħierġa il-barra għat-triq. Is-sindku qal li se jġibu l-permess biex tkun tista’ tinżabar. Is-segretarja eżekuttiva tablet lill-kunsillier Bajada biex jieħu xi ritratti. Il-kunsillier Bajada semma wkoll fuq is-siġra ta’ fejn l-iskola l-qadima, bis-segretarja eżekuttiva tgħid li s’issa għadhom ma’ rċivewx l-approvazzjoni minn naħa ta’ L-ERA.

## 10.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 3 /2025

10.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta’ pagamenti Nru.3 /2025 li ntbgħatet permezz ta’ imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-kunsilliera Frances Galea. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-Kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

## 10.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-4.00pm u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss hija skedata għal L-Erbgħa 21 ta’ April fil-2.00pm.

Konfermati, illum _21____ta’ ___April_______________ 2025

Philip Vella
Sindku

Marie Josette Vella Magro
Agent Segretarja eżekuttiva